# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**17 TA' MARZU, 2023**

**Rikors nru 19/2023 għar-revoka ta' Mandat ta'Inibizzjoni nru 648/2018**

**Fl-atti tal-kawża Rikors Ġuramentrat nru 397/2018RGM**

**fl-ismijiet:**

**Carmelo Sammut f'ismu proprju**

**u għan-nom ta' Charlie Properties Limited**

**Vs**

**Francis Pace u Rita Pace f'isimhom proprju u għan-nom ta' Dianco Company Limited, u Charles Pace u Maria Isabelle Pace f'isimhom proprju u għan-nom ta' L.F. Holdings Limited**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu digriet finali dwar rikors intavolat minn Francis Pace, Rita Pace, Dianco Company Limited, Charles Pace, Maria Isabella Pace u L.F. Holdings Ltd fl-10 ta' Jannar, 2023 li permezz tiegħu, għar-ragunijiet hemm mogħtija, qed jitolbu t-tħassir tal-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju numru 648/18 fl-ismijiet premessi ai termini tal-artikolu 836 (1) (ċ) u/jew (e ) u/jew (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. L-intimat Sammut proprio et nomine ipprezenta risposta fl-20 ta' Frar 2023 li permezz tagħha, għar-raġunijiet minnu hemm mogħtija, qed jopponi għat-talba għall-ħruġ ta' kontro-mandat.

3. Fis-seduta tas-7 ta' Marzu, 2023 l-avukati tal-partijiet għamlu t-trattazzjoni finali tagħhom filwaqt li fis-seduta tat-8 ta' Marzu, 2023 ir-rikorrenti ivverbalizzaw obbligazzjoni kongunta versu l-intimtat proprio et nominee segwita bil-firem tagħhom.

4. Ir-rikors tħalla għal digriet kamerali.

Ikkunsidrat;

**Fatti.**

5. Bejn il-partijiet hemm kawża pendenti fl-ismijiet *Carmelo Sammut f'ismu proprjeu u għan-nom ta' Charlie Properties Limited vs Francis Pace, Rita Pace, f'isimhom proprju u għan-nom ta' Dianco Company Limited, u Charles Pace u Maria Isabelle Pace f'isimhom proprju u għan-nom ta' L.F. Holdings Limited* li permezz tagħha l-attur proprio et nomine qed jitlob (1) li Francis u Rita konjugi Pace proprio et nomine jiġu kkundannati jħallsu s-somma ta' €84,178 oltre l-imghax legali , (2) Charles u Maria Isabelle Pace proprio et nomine jiġu kkundannati jħallsu s-somma ta' €216,316.00; u (3) fil-konfront tal-konvenuti kollha likwidazzjoni ta' kumpens dovut rigward xogħolijiet u servizzi allegatament magħmula mill-attur pro et noe a benefiċċju tal-konvenuti.

6. In kawtela tal-pretensjonijiet tiegħu l-intimat pro et noe talab u ottjena l-ħruġ ta' sekwestru kawtelatorju numru 681/2018 u mandat ta' inibizzjoni numru 648/2018 kontra r-rikorrenti fuq numru ta' proprjetajiet immobiljari bis-sorti indikat bħala sitt mitt elf, erba' mija u erbgħa u disgħin ewro (€600,494.00) maqsum fi tliet partijiet, (i) €84,178.00 kontra Francis Pace, Rita Pace u

Dianco Limited; (ii) €216,316.00 kontra Charles Pace, Maria Isabella Pace u L.F. Holdings Limited; u (iii) €300,000 kontra l-konvenuti kollha.

7. Permezz ta' numru ta' ċedoli ta' depożitu b'konsegwenza tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 681/2018 **ġew depożitati taħt l-awtorita' tal-Qorti diversi somom ta' flus li komplessivament jammontaw għal €623,173.80** li minnhom €101,881.00 huma fondi ta' Francis Pace; €43,148.70 huma fondi ta' Rita Pace; €38,726.96 huma fondi ta' Maria Isabelle Pace; €22,400.96 huma fondi ta' Charles Pace; €365,394.66 huma fondi ta' L.F. Holdings Limited,; €15,399.46 huma fondi ta' Dianco Limited u €46,500.00 jappartjenu nofshom lil Carmelo Sammut u nofshom lir-rikorrenti Pace.

8. Skond kif ġia deċiż minn din il-Qorti b'digriet tal-20 ta' Diċembru, 2022 fi proċeduri oħra għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fuq imsemmi, il-pretensjoni ta' Sammut kontra Francis Pace u Rita Pace pro et noe għas-somma ta' **€84,178.00** hija adegwatament kawtelata b'depożiti taħt l-awtorita' tal-qorti tas-somma ta' €101,881.00 appartenenti lil Francis Pace; s-somma ta' €43,148.70 appartenenti lil Rita Pace u s-somma ta'

€15,399.46 appartenenti lil Dianco Limited b'dan li effettivament hemm eċċess ta' **€76,191.16.**

9. Filwaqt li l-pretensjoni kontra Charles Pace, Maria Isabelle Pace u L.F. Holdings Limited għas-somma ta' **€216,316.00** hija adegwatament kawtelata bid-depożiti taħt l-awtorita' tal-qorti ta' €38,726.96 appartenenti lil Maria Isabelle Pace; €22,400.96 appartenenti lil Charles Pace u €365,394.66 appartenenti lil L.F. Holdings Limited; b'dan li effettivament hemm eċċess ta' **€210,206.58**

10. Ir-rikorrenti Pace jikkontendu wkoll illi hemm depożitata s-somma ta' €46,500.00 li tappartjeni nofshom lir-rikorrenti pro et noe u nofshom lil Carmelo Sammut pro et noe u għalhekk jippretendu li s-somma ta' **€23,250** tappartjeni lilhom..

11. Fir-rikors tagħhom tal-10 ta' Jannar, 2023 Francis Pace u Rita Pace f'isimhom proprju u għan-nom ta' Dianco Company Limited, u Charles Pace u Maria Isabelle Pace f'isimhom proprju u għan-nom ta' L.F. Holdings Limited, wara li ppremettew illi hemm is-somma ta' **€309,647.74** iddepożitata taħt l-awtorita' tal-Qorti illi ma hiex qed

tikkawtela l-pretensjonijiet ġia’ kawtelati kif fuq spjegat, iddikjaraw u bil-gurament tagħhom ikkonfermaw is-segwenti:

> “L-esponenti kollha qiegħdin hawnhekk solidalment jiddikjaraw, u jikkonfermaw bil-ġurament tagħhom li pendenti l-eżitu tal-proċeduri odjerni (ie. il-kawża rik ġur nru 397/18) din is-somma tista’, u hekk għandha tibqa’ depożitata taħt l-awtorita’ ta’ din l-Onorabbli Qorti sabiex tagħmel tajjeb għall-kreditu pretiż mill-intimat Carmelo Sammut pro et noe fil-konfront tal-esponenti kollha, u liema pretensjoni għadha, skot id-digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti tal-20 ta’ Diċembru 2022 mhux kawtelata, pretensjoni din fis-somma ta’ €300,000.
>
> L-esponenti kollha qiegħdin hawnhekk ukoll irrevokabbilment u solidalment jiddikjaraw, jikkonfermaw bil-ġurament tagħhom u jagħtu b’hekk garanzija solidali favur l-intimat, li f’każ biss ta’ eżitu pożittiv għall-intimat Carmelo Sammut pro et noe fil-proċeduri odjerni fir-rispett tar-reklam fis-somma ta’ €300,000, ikun kontra min ikun dan l-eżitu favorevoli, is-somma preċitata ta’ €309,647.74 (għad li din tappartjeni lill-istanti fi kwoti mhux ugwali) tista’ tintuża ai fini ta’ sodisfazzjon ta’ kwalunkwe somma li tista’ talvolta tiġi aġġudikata favur l-intimat Carmelo Sammut pro et noe.
>
> B’hekk, fil-pretensjoniijiet kollha minnu esperiti fil-kawża fl-ismijiet premessi, l-intimat Carmelo Sammut pro et noe ikun jinsab kompletament kawtelat.”

12. Fl-udjenza tat-8 ta’ Marzu, 2023 ġie verbalizzat is-segwenti:

> Ir-rikorrenti Francis Pace u Rita Pace, f'isimhom propju u ghan-nom tas-socjeta Dianco Company Limited, kif ukoll ir-rikorrenti Charles Pace u Maria Isabelle Pace, f'isimhom propju u ghan-nom tas-socjeta LF Holdings Limited, qieghdin jiddikjaraw li qed jidhlu garanti ghal xulxin fir-rigward tal-pretenzjoni ta’ ……..Carmelo Sammut, f'ismhu propju u ghan-nom ta' Charlie Properties Limited, kif indikat fil-

Mandat ta' Inibizzjoni numru 648/2018, senjatament l-ammont pretiz, b'mod solidali ta' Euro 300,000, b'dan illi, qieghdin jiddikjaraw illi kwalunkwe ammonti depozitati taht l-awtorita tal-Qorti in segwitu ghall-Mandat ta' Sekwestru numru 681/2018, fl-ismijiet Carmelo Sammut pro et nomine vs Francis Pace et, qieghdin reciprokament jaghmlu tajjeb ghall kull pretensjoni mressqa sallum minn Carmelo Sammut propio et nomine kontra taghhom b'mod solidali, b'dan illi, kwalunkwe decizjoni eventwali fil-konfront ta' kull wiehed u wahda minnhom individwalment li zzommhom responsabbli ghal xi hlas, l-ammonti hekk depozitati ser jaghmlu tajjeb ghall eventwali kundanna, irrispettivament is-sors u l-origini tal-flus hekk depozitati. L-erba' rikorrenti Pace qieghdin ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi jiffirmaw kopja ta' din l-obligazzjoni u dikkjarazzjoni minnhom assunta u maghmula fl-atti ta' din il-kawza.

‘

13. L-erba’ rikorrenti Pace iffirmaw il-verbal.

14. Ir-rikorrenti Pace qed jitolbu lill-Qorti “tirrevoka l-mandat ta’ inibizzjoni 648/2018 fl-ismijiet premessi b’mod sħiħ, u dan ai termini tal-artikolu 836 (1) (ċ) u/jew (e ) u/jew (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.”

15. **Artikolu 836 (1) (ċ), (e ) u (f) tal-Kap.12** jipprovdi kif ġej;

(1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista’ jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista’ jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal

kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

[...]

(ċ) li jkun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-ħruġ tal-att kawtelatorju sew bil-ħruġ ta' att kawtelatorju ieħor, jew inkella jekk dik il-garanzija oħra tista' għas-sodisfazzjon tal-qorti tassigura biżżejjed il-pretensjoni;"

[...]

(e ) jekk il-garanzija mogħtija titqies mill-qorti li tkun biżżejjed;

Jew

(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli

**16.** Fi proċeduri li jsiru ai termini tal-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12, il-Qorti m'għandhiex tidħol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet għaliex l-istħarriġ li hija obbligata tagħmel huwa wieħed strettament marbut ma' dak li jipprovdi l-Artikolu 836 filwaqt li l-mertu jiġi mistħarreġ u determinat fil-kawża. Kif ġie ritenut fil-provvediment finali mogħti fl-ismijiet **Joseph Camilleri et vs. Anthony Govè et** : "mid-dispożizzjoni tal-istess artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi investigat fil-kawża proprja

bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja." (Prim' Awla - 10 ta' Mejju 2001).

**17.** Għalkemm il-mandati kawtelatorji huma għodda siewja ħafna sabiex jagħtu protezzjoni lill-kreditu pretiż pendenti l-proċeduri ġudizzjarji sabiex jiġi kanonizzat; fl-istess ħin m'għandhomx jiġu trasformati minn għodda siewja għal arma abbużiva bl-iskop li tiġi eżerċitata pressjoni barra minn lokha għall-għanijiet li jmorru lil hinn minn sempliċi kawtela (**Rita Agius v. Nutar Joseph Vassallo Agius -** Prim' Awla - 19 ta' Settembru 2013);

**18.** Il-Qorti hija gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja ma għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza u l-prinċipju ulterjuri li kull persuna għandha jedd li tħares l-interessi tagħha sakemm id-dritt sostantiv tagħha jiġi determinat definittivament. (**Technobroadcast Srl vs. Mediterranean Broadcasting Limited** - Prim' Awla - 5 ta' Ġunju 2007).

**19.** Il-proċedura ta' revoka ta' mandat dedotta taħt l-Artikolu 836 tal-Kapitolu 12 m'għandhiex tiġi kkunsidrata bħala xi forma ta' appell

mid-digriet li permezz tiegħu ntlaqa’ l-mandat. L-Artikolu 836 jipprovdi istanzi meta mandat kawtelatorju jista’ jiġi revokat fosthom l-għoti ta’ garanzija adegwata in sostituzzjoni tal-mandat. Il-leġislatur ried jaċċerta ruħu għalhekk illi jekk il-ġudikant ikun sodisfatt illi ma kienx hemm lok li l-att kawtelatorju jibqa’ fis-seħħ, dan ikun jista’ jitneħħa permezz ta’ proċedura sommarja.

20. Kif inżamm fil-provvediment fl-ismijiet **Helen Camilleri vs. kuraturi deputati et.** mogħti minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-25 ta’ April 2014:

“Illi biex jista’ jingħad li teżisti garanzija xierqa oħra li tagħmel tajjeb għall-pretensjoni ta’ min talab il-ħruġ tal-Mandat għall-finijiet tal-Artikolu 836(1)(c) tal-Kodiċi, irid jintwera li tali garanzija trid tkun tinstab fi ħdan l-istess persuna eżekutata u dan ġeneralment minn stħarriġ tal-ġid li hija jista’ jkollha, ukoll jekk tali garanzija hija kostitwita ‘bil-ħruġ ta’ att kawtelatorju ieħor’”.

21. Kif rajna supra il-pretensjoni ta’ Sammut pro et noe fil-konfront ta’ Francis Pace, Rita Pace u Dianco Co Ltd flimkien u fil-konfront ta’ Charles Pace, Maria Isabelle Pace u L F Holdings Limited flimkien huma ġia adegwatament kawtelati tant li l-effetti tal-mandat ta’

sekwestru kawtelatorju numru 681/2018 fil-konfront tagħhom referibbli għall-dawk il-pretensjonijiet ġie revokat u għalhekk fir-rigward tal-istess pretensjonijiet il-mandat ta' inibizzjoni numru 648/2018 qiegħed jiġi hawn revokat.

22. Jibqa' biss li tiġi kkunsidrata l-pretensjoni ta' Sammut pro et noe fil-konfront tal-kontro partijiet kollha għall-ammont ta' €300,000.00.

23. Kif rajna, sew permezz tar-rikors tal-10 ta' Jannar 2023 li huma ġġuramentaw; kif ukoll permezz tad-dikjarazzjoni minnhom iffirmata quddiem il-Qorti fl-udjenza tat-8 ta' Marzu, 2023, il-konvenuiti Pace kollha proprio et nomine daħlu garanti solidali ta' xulxin għall-pretensjonijiet li Sammut pro et noe għandu fil-konfront tagħhom fir-rigward tas-somma imsemmija ta' €300,000.00.

24. Il-konvenuti rikorrenti Pace jsostnu illi l-garanziji reċiproċi, irrevokabbli u in solidum tagħhom a favur Sammut pro et noe li bis-somma depożitata ta' €309,647.74 tikwalifika bħala garanzija idoena fit-termini tal-Artikolu 836 tal-Kap. 12 u għalhekk jitolbu r-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni fl-ismijiet premessi.

25. In vista tal-obbligazzjoni insolidum, iffirmata u ġuramentata tal-konvenuti Pace kollha proprio et nomine jeħtieġ li l-Qorti tiddelibera dwar jekk l-obbligazzjoni magħmula mill-konvenuti kollha Pace pro et noe tissodisfax bħala garanzija xierqa għall-pretensjoni ta' Sammut pro et nomine fis-somma ta' €300,000.00.

26. Huwa minnu illi Sammut proprio et nomine ma aċċettax li l-obbligazzjoni in solidum magħmula mill-konvenuti kollha dwar is-somma ta' €309,647.74 tissodisfa l-pretensjoni tiegħu ta' €300,000.00 għaliex jirritjeni li kull waħda u wieħed minnhom għandu jagħmel tajjeb b'somma ta' €300,000 kull wieħed u waħda. Pero' tali sottomissjoni ma tirriflettiex l-atti tal-mandat ta' inibizzjoni mertu ta' dawn il-proċeduri. Is-somma ta' €300,000 hija fuq il-mandat indikata bħala pretensjoni waħda fil-konfront tal-konvenuti kollha proprio et nomine u mhux €300,000 fil-konfront ta' kull wieħed u waħda minnhom kif issa donnu qed jippretendi Sammut pro et noe.

27. Fil-fehma tal-Qorti bid-depożitu tas-somma ta' **€309,647.74** li hemm taħt l-awtorita' tal-Qorti kif fuq spjegat u bl-obbligazzjoni solidali u irrevokabbli li għamlu in iskritt u ġuramentat tal-

konvenuti Pace proprio et nomine fl-atti ta' din il-kawża, **il-Qorti tqis illi hemm garanzija xierqa oħra minflok l-immobbli kolpit bil-mandat ta' inibizzjoni de quo sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' €300,00 ta' Sammut pro et noe** fil-konfront tal-konvenuti Pace proprio et nomine kollha u li fil-fehma tal-Qorti tassigura biżżejjed tali pretensjoni fit-termini tal-**Artikolu 836 (1) (c ) tal-Kap. 12.**

**Decide.**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi r-rikors ta' Frances Pace et noe et. tal-10 ta' Jannar 2023 billi, tirrespinġi l-objezzjonijiet sollevati mill-intimat Sammut proprio et nomine,

1. **Tiddikjara** illi fir-rigward tal-pretensjonijiet imressqa fir-rikors għall-ħruġ ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni numru 648/2018 hemm garanzija xierqa oħra fit-termini tal-Artikolu 836 (1) (c ) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta bid-depożiti kollha magħula sa issa taħt l-Awtorita' tal-Qorti b'effett tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju 681/2018 fl-istess ismijiet;

2. **Tordna** r-revoka tal-mandat ta' inibizzjoni numru 648/2018 fl-ismijiet premessi;

3. **Tordna** li a karigu tar-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali jsir notament dwar dan id-digriet finali fuq l-ewwel faċċata ta' kull ċedola ta' depożitu ippreżentata b'effett tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 681/2018 fl-ismijiet premessi.

**Bl-ispejjeż** riżervati għas-sentenza finali fil-kawża dwar il-mertu.

**Mogħti kameralment illum 17 ta' Marzu, 2023**

**Robert G. Mangion**

**Imħallef**

**KOMUNIKA:** Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali;

Avukati tal-partijiet